



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2011/0299(COD)

12.10.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE
(COM(2011)0657 – C7-0373/2011 – 2011/0299(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marielle Gallo

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur għal opinjoni tifraħ lill-Kummissjoni talli pproponiet linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej li jikkorrispondu għall-impenji tal-istrateġija Ewropa 2020 u tal-istrateġija diġitali għall-Ewropa.

Il-proposta attwali tistabilixxi linji gwida għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej. B'dan hija tipproponi objettivi u prijoritajiet għal proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jeliminaw il-konġestjonijiet billi joffru konnettività lin-netwerk u aċċess, inkluż dak transkonfinali, lil infrastrutturi ta' servizzi pubbliċi diġitali.

F'dan il-perjodu ta' awsterità fil-baġit u ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef, ir-rapporteur tittama li l-istrumenti l-ġodda proposti mill-Kummissjoni fil-mekkaniżmu ta' interkonnessioni għall-Ewropa jinstigaw dinamika ġdida tas-suq biex jikkonkretizzaw is-suq uniku diġitali.

L-ekonomija tal-internet u l-importanza tagħha għall-impjiegi hija fundamentali u se tammonta għal aktar minn EUR 800 biljun fl-2016, jiġifieri aktar minn 5 % tal-PDG tal-Unjoni Ewropea. L-internet ġab bidla kbira fil-mod kif ngħixu, kif naħdmu, kif naċċessaw l-informazzjoni u kif ninteraġixxu bejnietna, u għandu potenzjal konsiderevoli biex ibiddel ħafna aspetti oħra ta' ħajjitna, bħal pereżempju l-aċċess għall-għarfien u l-edukazzjoni. L-internet biddel ukoll il-mod kif aħna nqabblu ħaġa m'oħra, kif nixtru u kif inbigħu prodotti u servizzi, kif infittxu jew nagħmlu għad-dispożizzjoni l-informazzjoni, u li nimmaniġġjaw il-ħlasijiet jew id-data tagħna. Il-kummerċ elettroniku u, b'mod aktar ġenerali, is-servizzi diġitali, illum il-ġurnata daħlu fil-qalba tal-ħajja tal-konsumaturi, tal-impriżi u, b'mod aktar ġenerali, taċ-ċittadini.

Iżda hemm għadd ta' ostakoli li issa qed jimblukkaw it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali: in-nuqqas ta' investiment fl-infrastrutturi tal-broadband veloċi u speċifikament fl-inħawi rurali tal-UE, u n-nuqqas ta' strateġija Ewropea għall-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' servizzi diġitali transkonfinali. Il-prezz ta' dan in-nuqqas ta' benefiċċju huwa stmat li jlaħħaq tal-anqas 4,1 % tal-PDG sal-2020, jiġifieri EUR 500 biljun, jew EUR 1 000 għal kull ċittadin¹.

Ir-rapporteur għal opinjoni tqis li din is-sitwazzjoni hija partikolarment problematika għall-SMEs, li, minħabba nuqqas ta' konnessjoni ma' netwerk ta' kwalità u ta' ħeffa adegwati, ma jibbenefikawx minn teknoloġiji ġodda, bħall-"cloud computing" li tippermetti offerta kummerċjali innovattiva u ekonomiji ta' skala importanti.

Ir-rapporteur għal opinjoni hija mħassba wkoll li n-nuqqas ta' aċċess għall-broadband veloċi jippreġudika lill-konsumaturi l-aktar vulnerabbli. Mingħajr il-broadband veloċi, dawn il-persuni jkunu mċaħħda mill-aċċess għal sensiela sħiħa ta' applikazzjonijiet jew servizzi ġodda, bħal, pereżempju, it-tqabbil tal-prezzijiet onlajn, u jispiċċaw fi spirali li jbegħidhom mill-offerti l-aktar vantaġġużi.

Għaldaqstant, ir-rapporteur tfakkar l-importanza tal-objettiv tal-istrateġija diġitali għall-Ewropa: li jiġu ggarantiti benefiċċji ekonomiċi u soċjali dejjiema bis-saħħa ta' suq diġitali uniku bbażat fuq il-broadband veloċi ħafna.

¹ Copenhagen Economics, The Economic Impact of a European Digital Single Market, March 2010.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza l-importanza tas-sigurtà ċibernetika bil-għan li tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-konsumaturi. Is-servizzi diġitali għandhom rwol li dejjem qed jikber fil-ħajja ta' kuljum tagħna, u f'dan ir-rigward jutilizzaw għadd dejjem jikber ta' data personali jew pubblika. Konsegwentement, is-sikurezza u s-sigurtà tal-ambjent onlajn huma essenzjali.

Ir-rapporteur tapprova l-analiżi tal-Kummissjoni li tgħid li n-nuqqas tal-kisba tas-suq uniku diġitali huwa minħabba problema ta' offerta iżda wkoll tad-domanda. Għaldaqstant, wieħed mill-oġettivi ta' interess komuni huwa li tiġi stimolata d-domanda għas-servizzi ta' broadband veloċi u veloċi ħafna, l-aktar permezz ta' servizzi amministrattivi onlajn.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment tikkonkludi li r-rwol kritiku tal-internet ifisser li l-benefiċċji għas-soċjetà sħiħa jidhru li huma ferm akbar mill-inċentivi privati biex jinvestu f'netwerks aktar veloċi. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku huwa neċessarju għal dan il-qasam, iżda ma għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni bla bżonn.

Emenda

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment tikkonkludi li r-rwol kritiku tal-internet ifisser li l-benefiċċji għas-soċjetà sħiħa jidhru li huma ferm akbar mill-inċentivi privati biex jinvestu f'netwerks aktar veloċi. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku huwa neċessarju għal dan il-qasam, **partikolarment fl-inħawi**, iżda ma għandux jgħawweġ il-kompetizzjoni bla bżonn.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) In-newtralità tan-netwerks hija ta' importanza essenzjali għal internet miftuħ.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-proġetti ta' interess komuni mniżżla f'dan ir-Regolament għandhom jgħinu wkoll sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, skont l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-inħawi rurali, remoti jew ftit li xejn popolati.

Ġustifikazzjoni

Fuq kollox, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li taġixxi biex tirrimedja l-fallimenti tas-swieq. Bil-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni territorjali tagħha, l-UE trid tiżgura li anki l-aktar inħawi remoti jew ftit li xejn popolati jkollhom aċċess tajjeb għall-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Fir-rigward tal-użu ta' sħubijiet pubbliċi-privati għall-provvista ta' servizzi effiċjenti tal-broadband, partikolarment fl-inħawi rurali, ikun xieraq li, b'għajjnuna minn fondi Ewropej, isir użu minn dawn is-sħubijiet bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-SMEs tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT") fil-qasam tas-servizzi pubbliċi tal-ICT, minħabba li jistgħu jservu ta' bażi sostenibbli għall-iżvilupp ta' hiliyet u

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Ma' veloċitajiet oġhla tal-broadband hemm assoċjati benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali, li ma jistgħux jiġu maqbuda (captured) u l-anqas ma jistgħu jiġu mibdula fi flus mill-investituri. Il-broadband veloċi u ultraveloċi huwa ċ-ċavetta li tippermetti l-infrastruttura għall-iżvilupp u l-użu ta' servizzi diġitali, li jiddependu fuq id-disponibbiltà, il-veloċità, l-affidabilità u r-reżiljenza tan-netwerks fiżiċi. L-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' netwerks aktar veloċi twitti t-triq għal servizzi innovattivi li jisfruttaw il-veloċitajiet akbar. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ komponenti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali.

Emenda

(10) Ma' veloċitajiet oġhla tal-broadband hemm assoċjati benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostanzjali, li ma jistgħux jiġu maqbuda (captured) u l-anqas ma jistgħu jiġu mibdula fi flus mill-investituri. Il-broadband veloċi u ultraveloċi huwa ċ-ċavetta li tippermetti l-infrastruttura għall-iżvilupp u l-użu ***komprensivi*** ta' servizzi diġitali, li jiddependu fuq id-disponibbiltà, il-veloċità, l-affidabilità u r-reżiljenza tan-netwerks fiżiċi. L-introduzzjoni u l-adozzjoni ta' netwerks aktar veloċi twitti t-triq għal servizzi innovattivi li jisfruttaw il-veloċitajiet akbar. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ komponenti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet diġitali, ***partikularment minħabba l-għadd dejjem jiżdied ta' mobajls ikkonnettjati mal-internet, bħas-smart phones u t-tablets.***

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' apparat ġdid isaħħaħ il-ħtieġa ta' infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni li jkun effikaċi.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Għall-provvista rurali, huwa ta' importanza sinifikanti l-iżvilupp ta'

networks ta' aċċess, li jippermetti r-rabta ta' konnessjonijiet individwali fid-djar.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Iż-żieda u l-preservazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u d-dejta kulturali għonja u varji tal-Ewropa miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u l-ftuħ tagħhom għall-użu mill-ġdid b'rispett sħiħ lejn id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati, se jrawmu l-kreattività u jstimulaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. L-aċċess mingħajr intoppi *għall-użu mill-ġdid ta' r* iżors multilingwi se jgħin jiegħleb l-ostakli tal-lingwa, li jxekklu s-suq intern għas-servizzi online u jillimitaw l-aċċess għall-għarfien.

Emenda

(18) Iż-żieda u l-preservazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u d-dejta kulturali għonja u varji tal-Ewropa miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, u l-ftuħ tagħhom għall-użu mill-ġdid b'rispett sħiħ lejn id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati, se jrawmu l-kreattività u jstimulaw l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. L-aċċess mingħajr intoppi *għal* r iżors multilingwi *li jista' jintużaw mill-ġdid* se jgħin jiegħleb l-ostakli tal-lingwa, li jxekklu s-suq intern għas-servizzi online u jillimitaw l-aċċess għall-għarfien. ***Madankollu, għandu jkompli jkun possibbli għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, reġjonali u lokali, li jiddeterminaw huma stess l-użu tal-informazzjoni tagħhom u li jkopru l-parti l-kbira tal-ispejjeż tagħhom, li jirriżultaw mit-twettiq tad-dmirijiet pubbliċi tagħhom.***

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi floqasma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-setgħa sabiex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza

Emenda

(21) Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi floqasma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-setgħa sabiex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness għal dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza

partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. L-għan ta' din id-delega huwa li tindirizza żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda, prijoritajiet politiċi emerġenti jew opportunitajiet għall-isfruttament ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fl-oqsma tat-Trasport u tal-Enerġija. L-ambitu tad-delega huwa limitat għall-modifikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, iż-żieda ta' proġett ta' interess komuni jew it-tneħħija ta' proġett obsolet ta' interess komuni skont il-kriterji stabbiliti minn qabel li huma ċari u trasparenti.

partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ***kif ukoll fil-livell reġjonali u lokali.*** L-għan ta' din id-delega huwa li tindirizza żviluppi teknoloġiċi u tas-suq ġodda, prijoritajiet politiċi emerġenti jew opportunitajiet għall-isfruttament ta' sinerġiji bejn infrastrutturi differenti, inklużi dawk fl-oqsma tat-Trasport u tal-Enerġija. L-ambitu tad-delega huwa limitat għall-modifikazzjoni tad-deskrizzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, iż-żieda ta' proġett ta' interess komuni jew it-tneħħija ta' proġett obsolet ta' interess komuni skont il-kriterji stabbiliti minn qabel li huma ċari u trasparenti.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-iżvilupp tas-Suq Uniku *fejn jirriżultaw fit-titjib tal-kompetittività* tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs).

Emenda

(1) jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u jappoġġaw l-iżvilupp tas-Suq Uniku ***u jippromwovu l-integrazzjoni diġitali ta' żoni sħaħ ekonomikament żvantaġġjati, li għandu jwassal għal titjib fil-kompetittività*** tal-ekonomija Ewropea, inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs).

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) jikkontribwixxu għat-titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali tat-telekomunikazzjoni

Emenda

(2) jikkontribwixxu għat-titjib fil-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet permezz tal-promozzjoni tal-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali tat-telekomunikazzjoni ***kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks bi***

kif ukoll l-aċċess għal dawn in-netwerks.

prezzijiet raġonevoli.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) jistimulaw l-użu madwar l-Ewropa kollha ta' netwerks veloċi u ultraveloċi li, min-naħa tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' servizzi diġitali trans-Ewropej.

Emenda

(3) jistimulaw l-użu madwar l-Ewropa kollha ta' netwerks veloċi u ultraveloċi ***li jiffukaw primarjament fuq l-inħawi rurali u dawk bi ftit li xejn popolazzjoni, skont il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u*** li, min-naħa tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' servizzi diġitali trans-Ewropej.

Ġustifikazzjoni

Fuq kollox, l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li taġixxi biex tirrorredja l-fallimenti tas-swieq. Bil-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni territorjali tagħha, l-UE trid tiżgura li anki l-aktar inħawi remoti jew ftit li xejn popolati jkollhom aċċess tajjeb għall-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) jistimulaw id-domanda ta' servizzi li jeħtieġu broadband, bl-iżvilupp ta' servizzi amministrattivi onlajn, li jgħinu biex jiżviluppa s-suq intern diġitali;

Ġustifikazzjoni

Id-domanda li għadha mhux suffiċjenti sal-lum trid tiġi stimolata biex jinħoloq ċiklu virtwuż li fih id-domanda intensifikata tteġġeġ l-iżvilupp ta' servizzi ġodda għall-konsumaturi.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-użu ta' networks tal-broadband ultraveloċi li jassiguraw il-veloċità ta' trażmissjoni tad-dejta ta' 100 Mbps u aktar;

Emenda

(a) l-użu ***komprensiv*** ta' networks tal-broadband ultraveloċi li jassiguraw il-veloċità ta' trażmissjoni tad-dejta ta' 100 Mbps u aktar;

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-użu ta' networks tal-broadband biex jillinkjaw il-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta *tal-ilma* kif ukoll dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni fejn jiżguraw li f'dawk ir-reġjuni l-veloċitajiet tat-trażmissjoni tad-dejta huma suffiċjenti biex jippermettu konnettività tal-broadband ta' 30 Mbps u aktar;

Emenda

(b) l-użu ta' networks tal-broadband, ***partikolarment ta' "networks ta' aċċess"*** biex jillinkjaw il-gżejjer, ir-reġjuni mingħajr kosta, kif ukoll dawk periferiċi mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni fejn jiżguraw li f'dawk ir-reġjuni l-veloċitajiet tat-trażmissjoni tad-dejta huma suffiċjenti biex jippermettu konnettività tal-broadband ta' 30 Mbps u aktar;

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-Istati Membri u/jew entitajiet oħra responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji neċessarji f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(3) L-Istati Membri u/jew entitajiet oħra, ***inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali,*** responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jew li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom, ***jekk ikun il-każ,*** jieħdu l-miżuri legali, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji neċessarji f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 1 – punt 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta fl-Unjoni jitwettqu proġetti infrastrutturali fuq kwalunkwe tip ta' netwerk (trasport, enerġija jew telekomunikazzjonijiet), jista' jitwettaq immappjar ta' netwerks oħrajn fl-istess ħin.

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li jinħolqu sinerġiji, minħabba li l-immappjar iqum ħafna flus u meta jitwettqu xogħlijiet ta' fuħ tal-art biex jiġu mmodifikati jew aġġornati xi netwerks, jista' jkun utli li wieħed japprofitta minn dan biex jitwettaq immappjar għan-netwerks l-oħrajn.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 2 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġija użata, għandhom:

Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġett ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks tal-broadband, irrispettivament mit-teknoloġija użata, għandhom, ***meta jkun jista' jintwera li s-suq ma jkunx jista' joffri din l-infrastruttura kummerċjalment:***

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ferm ċar li għandu jingħata appoġġ biss f'dawk l-oqsma fejn is-suq mhuwiex f'qagħda li jipprovdi.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 3 – sottotaqsima 'Sikurezza u sigurtà' – intestatura 'Infrastruttura ta' servizz tal-internet aktar sikur' – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Pjattaforma Online għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim:

Dan is-servizz għandu jipprovdi pjattaforma għar-riżoluzzjoni barra mill-qorti ta' tilwim kuntrattwali bejn il-konsumaturi u l-kummerċjanti. Il-pjattaforma għandha tippermettilhom jippreżentaw tilwima online fil-lingwa tagħhom u li jiġu riferuti għal entità alternattiva nazzjonali għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, li għandu jkollha l-kompetenza li tittrezza u ssolvi t-tilwima b'mod trasparenti, effikaċi u imparzjali.

Emenda 19

Proposta għal regolament

**Anness – taqsima 3 – sottotaqsima 'Sikurezza u sigurtà' – intestatura 'Infrastrutturi tal-
Informazzjoni Kritika' – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kanali u pjattaformi tal-komunikazzjoni ***se jiġi żviluppata u użata sabiex titjib*** il-kapaċità madwar l-UE għat-tnejn, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-rispons.

Il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' kanali u pjattaformi tal-komunikazzjoni ***fl-Istati Membri għandha ttejjeb*** il-kapaċità madwar l-UE għat-tnejn, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-koordinazzjoni u r-rispons, ***filwaqt li tqis il-kapaċitajiet u l-inizjattivi nazzjonali eżistenti.***

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol ta' faċilitatur u għandha tqis il-kapaċitajiet u l-inizjattivi eżistenti fl-Istati Membri. Din l-emenda tiċċara dan il-punt.

Emenda 20

Proposta għal regolament

**Anness – taqsima 3 – sottotaqsima 'Sikurezza u sigurtà' – intestatura 'Infrastrutturi tal-
Informazzjoni Kritika' – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tikkonsisti f'network ta' Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs – “Computer Emergency Response Teams”) Nazzjonali/Statali ibbażata fuq sett minimu ta' kapaċitajiet bażi. In-network *se* jipprovi ***l-bażi ta'*** Sistema Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni u l-Alerti (EISAS – “European Information Sharing and Alert System”) għaċ-ċittadini u l-SMEs tal-UE.

Emenda

Il-pjattaforma tas-servizz ċentrali se tikkonsisti f'network ta' Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERTs – “Computer Emergency Response Teams”) Nazzjonali/Statali ibbażata fuq sett minimu ta' kapaċitajiet bażi. In-network ***jista'*** jipprovi ***ammont limitat ta' informazzjoni lil*** Sistema Ewropea għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni u l-Alerti (EISAS – “European Information Sharing and Alert System”) għaċ-ċittadini u l-SMEs tal-UE.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-ENISA ta' Ottubru 2011 dwar l-EISAS jgħid li "l-kundizzjonijiet operattivi taċ-CERTs Nazzjonali/Governattivi f'termini tal-ambitu, il-fokus u r-risorsi jixħtu sfida serja fuq l-idea tal-bini taċ CERTs Nazzjonali/Governattivi bħala l-fokus ċentrali u l-ixprunatur għall-EISAS fl-Istati Membri." Ma jkunx xieraq li ċ-CERTs ikunu l-bażi tal-EISAS. Organizzazzjonijiet oħrajn li għandhom lill-SMEs u liċ-ċittadini bħala l-klijenti ewlenin tagħhom għandu jkollhom rwol akbar.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 3 – sottotaqsima 'Sikurezza u sigurtà' – intestatura 'Infrastrutturi tal-Infommazzjoni Kritika' – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *Servizzi proattivi – l-osservazzjoni u t-tixrid tat-teknoloġija u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni relatata mas-sigurtà; valutazzjonijiet tas-sigurtà; il-forniment ta' linji gwida dwar il-konfigurazzjoni tas-sigurtà; il-forniment ta' servizzi ta' detezzjoni ta' intrużjoni;*

Emenda

(a) ***L-EISAS għandha ttipprovi liċ-ċittadini u lill-SMEs tal-UE l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jipproteġu s-sistemi tal-IT u l-assi ta' informazzjoni tagħhom. L-istabbiliment ta' network ta' CERTs Nazzjonali/Governattivi għandu jiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.***

Ġustifikazzjoni

Ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-ENISA jissuġġerixxi li din l-informazzjoni dettaljata ma tkunx daqshekk siewja għall-SMEs u għaċ-ċittadini. Id-dettalji eżatti dwar is-servizzi

għandhom ikunu ddefiniti waqt il-ħidma tal-ENISA. L-attivitajiet tan-netwerk taċ-CERTs Nazzjonali/Governattivi aktarx li jkunu definiti aktar fir-regolament tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà Ċibernetika aktar tard din is-sena, u m'għandhomx ikunu stipulati hawnhekk.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Anness – taqsima 3 – sottotaqsima 'Sikurezza u sigurtà' – intestatura 'Infrastrutturi tal- Informazzjoni Kritika' – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Servizzi reattivi – il-ġestjoni u r-rispons għal inċident; il-ħruġ ta' allerti u twissijiet; analiżi tal-vulnerabbiltà u l-ġestjoni, ġestjoni tal-artefatti (li jagħtu prova ta' allerti ta' kwalità għolja fuq softwer malizzjuż ġdid (malware) u artefatti oħra).

imħassar

Ġustifikazzjoni

Ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-ENISA jissuġġerixxi li din l-informazzjoni dettaljata ma tkunx daqshekk siewja għall-SMEs u għaċ-ċittadini. Id-dettalji eżatti dwar is-servizzi għandhom ikunu ddefiniti waqt il-ħidma tal-ENISA. L-attivitajiet tan-netwerk taċ-CERTs Nazzjonali/Governattivi aktarx li jkunu definiti aktar fir-regolament tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà Ċibernetika aktar tard din is-sena, u m'għandhomx ikunu stipulati hawnhekk.

PROĊEDURA

Titolu	In-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej u t-tħassir tad-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE	
Referenzi	COM(2011)0657 – C7-0373/2011 – 2011/0299(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.11.2011	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 15.11.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marielle Gallo 29.2.2012	
Eżami fil-kumitat	25.4.2012	21.6.2012
Data tal-adozzjoni	11.10.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	32 0 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Jorgo Chatzimarkakis, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Vicente Miguel Garcés Ramón, Louis Grech, Mikael Gustafsson, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Iliana Ivanova, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Hans-Peter Mayer, Gesine Meissner, Sirpa Pietikäinen, Phil	

	Prendergast, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Gino Trematerra, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Ildikó Gáll-Pelcz, María Irigoyen Pérez, Olle Schmidt, Olga Sehnalová, Kyriacos Triantaphyllides, Kerstin Westphal